# L-Iskudetti tal-Anġli ta' Darmanin

*(L-Ewwel Parti)*

**Andrew Borg**

Il-festa tal-Madonna tal-Karmnu li ssir fil-Bażilika Santwarju li jinsab fi Triq it-Teatru hija waħda mfittxija sew mill-Maltin u saħansitra mill-Għawdxin. It-toroq ewlenin tal-Belt u dik tal-imsemmi Tempju Marjan ikunu maħnuqa bin-nies nhar is-16 ta' Lulju ta' kull sena, jum iddedikat mill-Knisja lill-Madonna taħt dan it-titlu. Dawn it-toroq ikunu mżejna b'armar mill-isbaħ li jinkludi kemm armar antik, li jmur lura sew fiż-żmien; armar ieħor restawrat u mogħti l-ilwien friski ta' festa Maltija, u armar ieħor ġdid li joħroġ ta' kull sena mill-maħżen tal-armar li jinsab fi Triq id-Dejqa. Fl-artiklu ta' din is-sena se nħarsu lejn sett anġli li jgħoddu 'l fuq minn mitt sena u li qegħdin fil-proċess ta' restawr: disa' minnhom fil-fatt huma lesti tant li tmienja minnhom intramaw is-sena l-oħra u jibqa' tlieta biex isiru fis-snin li ġejjin.

**Sett ta' Tnax-il Anġlu ta' Karlu Darmanin**

Is-sett anġli li se nitkellmu fuqhom huma frott il-ħidma artistika ta' Karlu Darmanin, statwarju Malti magħruf l-aktar għax-xogħol li ħallielna fil-kartapesta. Hemm sett simili għaliha fil-parroċċa Slimiża ta' Stella Maris. Kienet deċiżjoni għaqlija dik tal-grupp tal-armar li jirranġa u jirrestawra dawn l-istatwi anġeliċi li sal-1990 kienu għadhom jintramaw, fl-istat oriġinali tagħhom, fi Triq it-Teatru, it-triq tal-knisja. Għal xi snin ma baqgħux jintramaw billi xi wħud minnhom kellhom ħsarat konsiderevoli. Iżda mal-qalba tal-millenju dawn reġgħu bdew





jaraw id-dawl bis-saħħa tax-xogħol ta' restawr li beda jsir fuqhom minn Rennie Abela ta' Ħaż-Żabbar. L-imsemmija anġli jidhru qed iżommu skudett b'idhom il-leminija. Dawn l-iskudetti huma proprju s-suġġett tal-artiklu tagħna, iżda mhux qabel nagħtu xi tagħrif dwar Karlu Darmanin u ħidmietu.

**Karlu Darmanin, Statwarju Prim**

Karlu Darmanin li fost l-aqwa xogħol tiegħu nsibu l-vari titulari tas-Salvatur f'Ħal-Lija, ta' San Ġiljan f'San Ġiljan, ta' San Gejtanu fil-Ħamrun; dik li m'għadhiex tintuża ta' San Anard f'Ħal Kirkop; u l-vara proċessjonali tal-Madonna ta' Lourdes fil-parroċċa tal-Qrendi. Il-Karlozzu, kif kien popolarment magħruf twieled l-Isla fit-30 ta' Awwissu 1825.[1] Hu kien wieħed minn tlettax-il wild. Missieru kien marmista, u kien proprju fl-irħam li beda l-karriera tiegħu Karlu. Ta' 23 sena żżewweġ mara Skoċċiża li kien jisimha Annette Ready u li kienet għad kellha biss 15-il sena. Kif jfissrulna Mangion u Magro (2010)[2] Karlu Darmanin baqa' mfakkar għall-istil purista tiegħu; għall-ġmiel tal-uċuħ "b'espresssjonijiet naturali li jesprimu ferħ, tamiet, niket u glorja…M'hemmx kwalità ta' emozzjoni li mhix espressa b'mod tassew naturali fix-xogħlijiet ta' Karlu Darmanin"; u fl-aħħar nett għall-qagħda jew poża artistika li jispikkaw tassew fix-xogħlijiet tiegħu. L-istatwi u l-vari tiegħu huma ferma aktar devozzjonali mill-istatwi Barokki li tispikka fihom wisq it-teatriċità li tant qed nerġgħu naraw fi kwantitajiet, u mhux dejjem fil-kwalità tajba fit-toroq armati għall-festi tagħna.

"L-istil ta' Darmanin huwa pulit u eleganti" jkomplu jgħidilna Mangion u Magro (2010).[3] Flok it-teatralità u l-movimenti eżaġerati, huma "is-silenzju u l-ġabra, li huma riflessi fl-istil purist li ħaddan Karlu Darmanin li jġagħluna nħaddnu u nbusu l-qdusija fir-ruħ." Biżżejjed tħares lejn is-Salvatur ta' Ħal-Lija, vara li Darmanin lesta fl-1864,[4] li għalkemm hija vara ta' daqs monumentali, madanakollu ma tonqosx il-ġibda devozzjonali f'kull min iħares lejha. Anke San Ġiljan, li Darmanin ħadem lejn tmiem il-karriera tiegħu fl-1893, għalkemm mhuwiex jew aħjar m'għadux qaddis li hu assoċjat ma' devozzjoni kbira u mifruxa, xorta waħda il-vara purista li ħallielna Darmanin iġġiegħlek tħares lejha b'ċerta devozzjoni. L-istil purista ta' Darmanin imbagħad insibuh jispikka l-aktar fil-vara titulari ta' San Anard li kienet tintuża' f'Ħal Kirkop qabel inġibet oħra minn barra.

Meta wieħed jitkellem fuq Karlu Darmanin, wieħed ma jistax iħalli barra l-vari tal-Ġimgħa l-Kbira li huwa ħadem għal diversi parroċċi. Fil-fatt kif jgħidulna Mangion u Magro (2010)[5] "mill-erbatax-il sett ta' vari tal-Ġimgħa l-Kbira li hawn f'Malta, barra tnejn, dawk ta' Ħaż-Żebbuġ u Raħal Ġdid, ilkoll igawdu xi xogħol ta' Karlu Darmanin." Maż-żmien intilfu u nqerdu xi wħud minnhom fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija bejn l-1939 u l-1945; oħrajn sfaw vittma ta' "ħsarat naturali…traskuraġni …u ta' restawr ħażin."[6]

**L-Anġli ta' Karlu Darmanin**

Niġu issa għas-suġġett tagħna li huma l-anġli tal-imsemmi Karlu Darmanin. Għall-grazzja ta' Alla minn dawn għad għandna ħafna minnhom li għadhom isebbħu il-knejjes kif ukoll it-toroq Maltin fi żmien il-festi tal-ibliet u l-irħula tagħna. Mangion u Magro (2010)[7] jġibu l-istampi ta' dawk li għadhom jintramaw fil-knejjes ta' Ħ'Attard, Ħad-Dingli, Santa Liena Birkirkara, Ħal Luqa, Ħaż-Żebbuġ, l-Isla, il-Mellieħa, in-Naxxar, il-Qrendi, ir-Rabat (kemm il-parroċċa u kemm Ta' Ġieżu), fil-Knisja ta' Lapsi, San Ġiljan, Santa Venera, il-Belt (fil-Knisja Ta' Ġieżu, mal-Monument, u fil-Knisja tal-Agostinjani) u fil-pjazez u t-toroq ta' Birkirkara, il-Birgu (San Duminku), Ħal Kirkop, Ħal Lija, Ħal Luqa (l-anġlu li jittella' trijonfalment f'marċ kbir organizzat minn waħda mill-baned tar-raħal), Ħal Tarxien, il-Ħamrun, il-Mosta, l-Imqabba, In-Naxxar, is-Siġġiewi, San Pawl il-Belt, San Mikiel, Ħaż-Żabbar, iż-Żejtun, iż-Żurrieq, kif ukoll dawk li diġà semmejna fil-parroċċa ta' Stella Maris u l-viżibilju li hemm Ħal Qormi, San Ġorġ.

Għidna iktar kmieni li Darmanin irnexxielu jagħtina kwantità ta' statwi iżda dejjem irnexxielu jżomm livell għoli ta' kwalità. Il-lista li tajna hawn fuq hi xhieda ta' kemm kien imfittex għall-anġli Darmanin.

Jingħad li dawn l-anġli li Karlu ħadem b'sengħa kbira u speċjali kienu maħdumin fuq uliedu



li huwa kien jużahom bħala mudelli. Jidher li kellu tfal ħelwin u gustużi kif jixhdu l-anġli tiegħu, tant li maż-żmien daħlet fl-idjoma Maltija l-espressjoni "qisek anġlu (jew vara) ta' Darmanin"![8] X'kienu l-karatteristiċi ewlenin tal-anġli tiegħu: "l-għajnejn kbar u sbieħ ... il-forma partikulari tal-geddum ... l-uċuħ tondi, moħħ kbir, ħaddejn impaħpħin u xagħar qasir, folt u nnukklat."[9] Bla dubju ta' xejn fost dawn l-anġli kollha li ħallielna kemm għal ġewwa kif ukoll għal barra jispikka l-aktar il-kapolavur tiegħu fil-parroċċa ta' San Ġorġ Martri Ħal Qormi: l-anġlu tal-blandun.

Minbarra s-sett ta' tnax-il anġlu li se nitkellmu dwaru hawnhekk, Mangion u Magro (2010) jattribwixxu lil Darmanin sett ta' erba' anġli oħra fil-proprjetà tal-maħżen Karmelitan, iżda dan ma ġiex ikkonfermat mill-persuni li jieħdu ħsieb l-istess maħżen. Għaldaqstant nikkonċentraw fuq is-sett ta' tnax li nafu żgur li huma tiegħu, aktar u aktar fuq l-iskudetti li qed iżommu l-imsemmija anġli. Dis-sena se niffukaw fuq sitta minnhom li fuq l-iskudetti tagħhom iġibu simboli Marjani.

**Simboli Marjani fuq l-Iskudetti tal-Anġli**

Fil-fatt sitta mis-sett ta' tnax-il anġlu ta' Karlu Darmanin, li jintramaw fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt iġibu fuq l-iskudetti tagħhom simboli Marjani marbuta ma' titli li bihom hija mżejna l-Omm ta' Alla u tagħna, u huwa proprju fuq dawn li xtaqt niffoka fil-kumplament tal-artiklu tiegħi. Għaldaqstant se nibdew bis-simbolu tal-Għolja jew il-Muntanja tal-Karmelu, kif jixraq li nagħmlu f'pubblikazzjoni bħal din li titratta ċ-ċelebrazzjonijiet marbuta mal-festa tal-Madonna b'dan it-titlu sabiħ; imbagħad inkomplu bin-*Nome di Maria* u l-ġilju simboli popolarissimi tagħha, tal-ewwel ħafna jaħsbu li jfisser it-tislima sabiħa tal-anġlu Gabriel – Ave Maria – iżda hawn se naqraw mod ieħor, u l-ġilju li jissimboleġġja s-safa, il-purezza u l-verġinità perpetwa ta' Marija; il-kuruna u x-xettru li jfakkruna li l-Madonna hija Sultana tas-Sema u tal-Art; is-simbolu tal-Kewkba tal-Baħar li tfakkarna f'titlu ieħor imsemmi fl-antifona *Flos Carmeli*; u dak tal-Kewkba ta' filgħodu rappreżentat bi stilla li tarmi d-dija madwarha; u fl-aħħar nett il-Qalb bla tebgħa ta' Marija, li hawnhekk se niddiskutuha fil-kuntest tal-għaqda bejn il-qlub tal-membri tal-Familja Mqaddsa ta' Nazzaret – jiġifieri l-Qalb bla Tebgħa ta' Marija, flimkien mal-Qalb Imqaddsa ta' binha Ġesù u l-Qalb Safja ta' żewġha Ġużeppi. Biex nikkonkludu mbagħad inħarsu lejn Marija bħala Sultana tal-Anġli, kif niftakru fiha proprju waqt li tkun għaddejja mit-toroq armati għall-festa tagħha b'dawn is-sett anġli li jġibu l-firma artistika ta' Karlu Darmanin.

**L-Għolja tal-Karmelu**

Jekk inħarsu lejn l-ewwel skudett li se nitkellmu dwaru naraw li l-artist pitter għolja jew muntanja bi stilla tiddi eżatt fuq il-quċċata tagħha, u b'żewġ anġli żgħar, wieħed fuq kull naħa jżommu fjura kull wieħed, u b'aktar fjuri fil-parti t'isfel tal-iskudett. Ċertament dan is-simbolu qiegħed biex ifakkarna fit-titlu tal-Madonna tal-Karmnu jew 'Is-Sinjura Tagħna tal-Għolja tal-Karmelu'. Issa l-ewwel Karmelitani kienu eremiti Nsara li kienu jgħixu fuq l-Muntanja Karmel li tinsab fl-Art Imqaddsa, lejn l-aħħar tas-seklu XII u l-bidu tas-seklu XIII. Fuq din il-muntanja, qalb l-eremitaġġi fqajrin tagħhom huma bnew kappella li ddedikawha lill-Verġni Imbierka,

li b'turija ta' rispett kienu jsejħulha 'Is-Sinjura tal-Post'.[10] F'dan is-sens nifhmu li dawn l-ewwel eremiti Karmelitani kienu jaraw f'Marija mhux biss Patruna tas-Sema, iżda anke Patruna tal-art, anzi ta' post speċifiku, il-Karmelu. Minn dan il-ħsieb jitwieled u jiżviluppa bil-mod iżda b'mod mill-aktar sod u sħiħ, it-titlu tal-Madonna tal-Karmnu, li llum insibuh mifrux mal-erbat irjiħat tad-dinja, u mhux inqas fil-gżira ċkejkna tagħna. Minn dan għalhekk joħroġ ċar it-tifsira ċentrali tal-muntanja f'dan is-simbolu.

Wieħed ma jistax ma jagħmilx aċċenn fuq l-importanza ta' dan il-post fl-Iskrittura Mqaddsa. Fuq din il-muntanja, fil-fatt, il-Profeta Elija ddefenda l-fidi f'Alla wieħed li jista' kollox fi sfida li kellu mas-saċerdoti tal-alla Baal.[11] Fuq din l-istess muntanja l-profeta msemmi, waqt li kien qed jitlob waħdu, lemaħ sħaba fil-bogħod, liema sħaba kellha fiha l-ilma tant mixtieq u mistenni wara żmien twil ta' nixfa kbira.[12] Il-muntanja nnifisha kienet meqjusa mil-Lhud bħal post ta' ġmiel naturali liema bħalu u fertili għall-aħħar. L-isem tagħha – il-Karmel – ifisser ġnien[13], u allura nifhmu wkoll kif twieled it-titlu Marjan 'fjur tal-Karmelu'. Minn dan wieħed jista' joħroġ it-tifsira tal-fjuri li huma inklużi f'din il-pittura.



Mela l-għażla tal-post tal-ewwel Karmelitani ma kinitx waħda aċċidentali, imma wieħed jifhem li kienet marbuta mal-importanza li kellha din il-muntanja kif fissirna fil-qosor aktar 'il fuq. L-istorja tal-Ordni Karmelitan ma tirreferix għal xi fundatur partikulari kif għandhom ordnijiet oħra, iżda hemm insistenza fuq ir-rabta li l-bidu tal-Ordni għandu mal-Profeta Elija, li tant huwa marbut ma' din il-lokalità.[14] Madanakollu minħabba l-persekuzzjoni mis-Saraċeni l-Karmelitani kellhom iħallu l-post tal-oriġini tagħhom. Però meta seħħ dan, huma diġà kellhom 'formola' ta' ħajja li kienet imfassla oriġinarjament mill-Patrijarka ta' Ġerusalemm, Alberto Avogadro, u li bis-saħħa ta' diversi Papiet żviluppat f''regola' vera u proprja li trasformat dan il-grupp ta' eremiti f'Ordni Reliġjuż. L-approvazzjoni definittiva tar-Regola tal-Ordni seħħet iktar tard, fl-1247 fi żmien il-Papa Innoċent IV.

Fuq l-immaġini li qed niddiskutu tispikka l-istilla li tidher tiddi fuq il-muntanja. Din ma tistax ma tirreferix għall-Madonna nnifisha. Sa mill-eqdem żminijiet il-Knisja Kattolika Rumana użat, (hawn min jgħid isselfet mit-tradizzjoni Lhudija u l-istilla ta' David[15]), is-simbolu tal-istilla b'sitt ponot biex tirrappreżenta lil Marija Omm Alla. "Ftit jafu li meta niġu għall-Kristjaneżmu, kif kien ipprattikat għal ħafna sekli, insibu bħalma 'l-istilla ta' David' hija ċentrali fir-reliġjon Ġudajka, dik ta' Marija hija wkoll rappreżentata minn stilla b'sitt ponot jew heksagramma." Din l-istilla fil-fatt hija użata biex tfisser ir-rwol ta' Marija fis-salvazzjoni tal-Bniedem. "Tfisser proprju r-restawr tal-armonija oriġinali bejn Alla u l-umanità."[16]

Iktar 'il quddiem se nirritornaw fuq dan is-suġġett billi l-istilla Marjana se niddiskutuha wkoll meta nitkellmu dwar l-iskudetti li juru l-i*Stella Maris* u l-Istilla ta' Filgħodu.

Niġu għall-fjuri li naraw f'idejn l-anġlu u anke fil-bażi tal-iskudett. L-ewwel ħsieb tagħna jmur għall-ġnien tal-Karmel li kien jikkaratterizza l-post sabiħ fuq l-imsemmija muntanja. Iżda l-fjura daħlet fl-ikonografija tal-Karmelitani u tal-Madonna tal-Karmnu permezz ta' San Xmun Stokk[17] li nafu li għex mis-sena 1165 sas-sena

1265. San Xmun, li aħna nemmnu li l-Madonna ppreżentatlu l-iskapular kannella – dak li aħna sirna nafuh bħala l-labtu – kien ta' spiss idur lejn Marija biex jitlobha tinterċedi għal tant diffikultajiet li huwa kien jaffaċċja f'ħajtu. Imbagħad meta bħala Ġeneral tal-Karmelitani huwa sab ruħu wiċċ imb'wiċċ ma' diffikultajiet kbar meta beda jipprova jistabilixxi u jifrex kemm jista' dan l-Ordni mal-irjiħat kollha tad-dinja, bl-għajnuna ta' Marija rnexxielu jagħmel dan, tant li l-ordni beda jiffjorixxi bil-bosta.[18] Kien dan li ħeġġeġ lil dan il-qaddis kbir Karmelitan li jesprimi mħabbtu lejn Marija fl-antifona li tibda proprju bit-tislima *Flos Carmeli* – Fjur tal-Karmel. Dwar dan l-innu ta' tifħir nerġgħu nitkellmu iktar 'il quddiem meta nittrattaw l-iskudett bl-i*Stella Maris*.

San Xmun Stock jgħallimna li bħalma l-Muntanja tal-Karmelu kienet magħrufa għall-ġmiel tagħha iżda wkoll għall-perikli kbar mill-invażuri qerrieda, hekk ukoll nistgħu nħarsu lejn Marija, tant sabiħa minn barra u minn ġewwa bħala dik li tista' tħarisna mill-perikli kbar tad-dinja.

**In-*Nome di Maria*, l-Inizjali tal-Isem Imqaddes tal-Madonna**

Ħafna kienu jaħsbu, fosthom jien sakemm bdejt dan l-artiklu, li n-*Nome di Maria* mhux għajr inizjali tat-tislima li l-anġlu Gabriel ta lil Marija fil-mument tal-Annunzjazzjoni: *Ave Maria*. Tabilħaqq li dan il-monogramm huwa magħmul miż-żewġ ittri inizjali A u M iżda dawn jirrappreżentaw il-kelmiet *Auspice Maria*.[19] Kif insibu f'diversi dizzjunarji tas-simboli fosthom dak elettroniku kkwotat hawn dan is-simbolu magħmul mill-ittri A u M magħqudin flimkien jissejjaħ "Auspice Maria" li bil-Latin ifisser taħt il-protezzjoni ta' Marija.

Dan is-simbolu ferm popolari jmur lura fi żmien l-Ewropa Medjevali[20] tant li nsibuh f'katidrali, f'xogħlijiet tal-Arti, fuq oġġetti personali u oħrajna sagri, fuq ġojjellerija l-aktar fi ċrieket u pendent ta' ġiżirajjen. B'mod uffiċjali huwa wkoll użat mill-Ordni Sulpiċjan, Ordni li jiddedika ħidmietu għat-taħriġ tal-qassisin kattoliċi. Iżda kif ilkoll nafu dan is-simbolu huwa użat minn kull b'xi mod jew ieħor hu involut f'attività Marjana, inkluż fil-festi tagħna fejn narawh impitter fuq għadd kbir ta' bandalori u pavaljuni, kif ukoll skolpit fuq xogħol tal-injam, ġibs, tafal, fiber u l-bqija.

F'dan id-dawl għandna nifhmu t-titlu ta' din it-taqsima In-Nome di Maria bħala "f'isem Marija" u mhux "l-isem ta' Marija" biex b'hekk naqblu aktar mad-definizzjoni tal-*Auspice Maria*. Fi kliem ieħor b'dan is-simbolu nifhmu li meta nitkellmu, naġixxu, nirribattu, niddiskutu, nitħabbtu, nissieltu u nxandru f'isem Marija – in-*nome di Maria* - aħna jkollna l-protezzjoni tagħha dejjem. U tabilħaqq l-isem ta' Marija jimliena b'kuraġġ u b'determinazzjoni biex ma nibżgħux nimxu fit-triq dejqa, mserrpa u mħarbta li tista' twassalna għand binha Ġesù.

Tajjeb li nieqfu ftit u nitkellmu dwar dan l-isem sabiħ ta' *Maria*. Bl-Ebrajk l-isem *Maria* jingħad *Miriam*, iżda billi fi żmien Marija u fejn kienet tgħammar hi kienet tintuża l-lingwa Aramajka, l-isem ittrasforma ruħu f'*Marjam*, li għandna mbagħad sar Marija mill-verżjoni Latina *Maria*. Jekk naqbdu l-ktieb ta' San Ġwann Eudes[21] li jittratta t-tfulija ta' Marija, fih insibu meditazzjoni fuq 17-il interpretazzjoni ta' dan l-isem, meħuda mill-kitbiet tal-Papiet u xi wħud fost l-aqwa dutturi. L-ewwel tifsiriet li taw lil dan l-isem il-kittieba Insara tal-bidu u li mbagħad ġew imxandra mis-Santi Padri kienu jinkludu: "Baħar Qares", "il-Mirra tal-baħar", "li jagħti d-dawl", "l-imdawwal", u l-aktar tifsira popolari kienet "stilla tal-baħar". Imma dawn bdew l-interpretazzjonijiet tagħhom fuq l-etimoloġija tal-isem Aramajk Marjam, u mhux fuq dik tal-verżjoni Lhudija Mirjam, li fil-fatt tfisser "sinjura jew sovrana."[22]

Iżda ejja nħallu d-dibattitu fuq it-tifsira fil-ġenb u naraw kemm ġie mgħolli u mfaħħar dan l-isem li żgur li hu l-favorit ta' Alla l-imbierek, għax bih hu ppermetta li tiżżejjen din il-mara li bħala d-dinja qatt ma rat u qatt mhu se tara. San Ambroġ jistqarr: "Ismek, Marija, huwa żejt tad-dlik mill-iktar prezzjuż, minnu toħroġ l-aroma tal-grazzja Divina. Ħa jidħol fil-profond ta' qlubkom dan iż-żejt ta' salvazzjoni."[23] Bosta sekli warajh San Bernard itenni: "O Kbira, O Ħelwa, O Wisq Maħbuba Marija, ismek qaddis ma jistax jitlissen mingħajr ma wieħed ikollu qalbu

tħeġġeġ bħal fjamma." Il-Beatu Henry Suso jaqbel miegħu meta jgħid li "kif nippronunzja l-isem ta' Marija, jiena stess inħossni mħeġġeġ b'tant imħabba u ferħ, li bid-dmugħ u t-tbissim tiegħi li bihom nesprimi dan l-isem tant sabiħ, inħoss bħalikieku qalbi se tħalli lil sidri. Għax dan l-isem ħelu huwa bħal xehda għasel li tinħall fl-iktar imkejjen profondi tar-ruħ."

Qed nitkellmu fuq isem li San Metodju jiddeskrivih "mimli bil-grazzji Divini u barkiet." U li San Efrem tas-Sirja jgħid li huwa "il-bieb tal-ġenna." Il-Kardinal John Henry Newman ifakkarna li m'għandniex ninħakmu mill-kurrent qawwi devozzjonali Marjan li jista' jwassalna għall-idolatrija, sfortunatament. Marija mhi xejn mingħajr Ġesù. Il-kobor tagħha ġej mill-fatt li hi kienet magħżula sa mill-ewwel żminijiet biex tkun il-mezz li bih id-Divin jitwaħħad mal-Uman. Il-kliem tiegħu jfakkarna f'dak li qal San Pietru Kanisju: "Wara l-Isem mill-aktar imqaddes u adorabbli ta' Ġesù, m'hemm l-ebda isem ieħor iktar glorjuż u qawwi minn dak ta' Marija. Meta jissemma dan l-isem, l-anġli jifirħu u x-xjaten jitwerwru; permezz tal-invokazzjoni ta' dan l-isem, il-midinbin jakkwistaw grazzji u maħfra." Mhux ta' b'xejn San Pietru Damiani



jinsisti li "l-isem ta' Marija ġie mis-senduq tat-teżori tad-Divinità."

Dwar il-qawwa ta' dan l-isem San Bonaventura jgħidilna li "bħalma x-xemgħa ddub fin-nar, hekk ix-xjaten jitilfu l-qawwa tagħhom kontra dawk l-erwieħ li jiftakru l-isem ta' Marija u jinvokawh b'devozzjoni." San Ġermanu ta' Kostantinopli jiddeskrivih qawwet dan l-isem hekk: "Kif in-nifs mhuwiex biss sinjal ta' ħajja iżda appuntu dak li jżommna ħajjin, hekk isem Marija, li jinsab kostantement fuq xufftejn il-qaddejja ta' Alla, mhux biss jikkonferma li dawn huma ħajjin, iżda fl-istess ħin huwa dak li jżommhom ħajjin u jippreserva ħajjithom, filwaqt li jagħtihom kulma jkollhom bżonn." Jalla kif jistqarr l-istess qaddis, ikun l-isem ta' Marija l-aħħar kelma li toħroġ minn fommna.

Dwar l-isem ta' Marija hemm minjiera ta' kitbiet x'tista' tikkwota iżda l-iktar li jinteressana hawnhekk huwa l-qawwa li għandu marbuta miegħu li hija wkoll espressa f'in-*Nome di Maria* li hemm tiddomina dan l-iskudett li qed nitkellmu dwaru, skudett li fih ukoll is-simbolu tal-ġilju, simbolu importanti ħafna li jikkaratterizza wieħed mill-virtujiet qaddisa li bihom hi mżejna Omm Alla: il-virtù tas-safa, tal-purezza, tal-kastità u tal-verġinità perpetwa. Għax Marija li kienet mimlija bil-grazzja[24] u mbierka fost in-nisa[25] nafu u nemmnu li kienet meħlusa minn kull tebgħa ta' dnub.[26] Sa minn qabel twieldet kienet mimlija bil-grazzja u tul ħajjitha kienet mera ta' dawn il-grazzji għan-nies ta' madwarha, l-ewwel fosthom żewġha Ġużeppi. Ġużeppi mhux talli kien safi u kast bħalha talli kien inkarigat minn Alla l-imbierek biex ikun il-gwardjan tal-verġinità tagħha. Fl-istess ħin huwa ħarisha minn għajn in-nies li ma setgħux jaqilgħu qlajjiet fuq it-tqala tagħha billi kien jagħrfu lil Ġużeppi bħala żewġha, u kien ukoll hu stess dak li ma jagħrafhiex fis-sens bibbliku tal-kelma. Huwa għażel li jgħix l-imħabba pura li għażel Alla għalihom it-tnejn. Il-ġilju fil-fatt narawh jiffjorixxi fit-tarf tal-bastun tiegħu.

Fl-Għanja tal-Għanjiet insibuha deskritta hekk: "Kollok sabiħa, maħbuba tiegħi, u tebgħa fik ma hemmx."[27] Din hi l-magħrufa *Tota Pulchra* tant

sinonima mal-festa tal-Immakulata Kunċizzjoni. F'dan l-istess ktieb tal-Bibbja nsibu l-metafora tal-ġnien magħluq li tiddeskrivi l-purezza u l-verġinità ta' Marija: "Ġnien magħluq tajjeb int, għarusa tiegħi, ġnien magħluq tajjeb, għajn issiġġillata."[28] Metafori oħra li jżejnu lil dan il-ktieb huma "torri tal-avorju"[29] u "torri ta' David"[30] espressjonijiet li sabu posthom ukoll fil-Litanija tal-Madonna. Dawn ukoll huma immaġini li jfissru s-safa ta' Marija. Fil-fatt l-avorju kien meqjus bħala simbolu ta' kastità, filwaqt li t-torri ta' David jimplika l-perfezzjoni ta' Marija. Ma jistax jonqos li nsibu l-immaġini tal-ġilju f'din il-poeżija Bibblika li hi meqjusa bħala l-isbaħ ktieb fil-Bibbja.[31] Hawnhekk il-ġilju huwa mdawwar bix-xewk li jfisser li l-purezza tagħha qatt ma setgħet tiġi mittiefsa.

**Sultana tas-Sema u l-Art**

It-tielet skudett li se nitkellmu dwaru huwa dak li jġib l-immaġini tal-kuruna u x-xettru li jfakkruna li aħna l-insara nħarsu lejn Marija bħala Sultana tas-Sema u tal-Art. Sa mir-raba' Seklu nsibu lil San Efrem isejjaħ lil Marija "Sinjura" u "Reġina". Iktar tard is-Santi Padri u xi Dutturi komplew jużaw dan it-titlu. Silta li tmur lura probabilment għal żmien Oriġen (li miet madwar is-sena 254) insibu fiha t-titlu ta' Domina, il-femminil ta' Dominus (Sidi, Mulej), attribwit lil Marija. L-istess titlu nsibuh fil-kitbiet bikrin ta' San Ġlormu u San Pietru Krisologu. Iżda l-ewwel definizzjoni Marjoloġika li nistgħu ngħidu li ffurmat il-bażi ta' dan it-titlu żviluppat fil-Konċilju ta' Efesu, li baqa' magħruf għax minnu ħarġet id-definizzjoni ta' Marija bħala Omm Alla.

Kien il-Papa Piju XII li fl-enċiklika tiegħu *Ad Caeli Reginam*[32] huwa rrikonoxxa dan it-titlu antik u sabiħ li tant jixirqilha u spjegah u fissirulna. Huwa qal li Marija tissejjaħ Sultana tas-Sema għaliex Binha, Ġesù Kristu, huwa r-Re ta' Iżrael u huwa wkoll is-Sultan tal-Univers kollu. Issa fit-tradizzjoni Davidika Lhudija omm ir-re kienet tkun rikonoxxuta bħala r-Reġina Omm. F'messaġġ fuq ir-radju mxandar nhar it-13 ta' Mejju 1946 hu stqarr: "Hu, l-Iben ta' Alla, jirrifletti fuq l-Omm Tiegħu tal-Ġenna, il-glorja, il-maestà u d-dominju fuq ir-renju tiegħU..." Skont it-tagħlim Nisrani Marija kienet imtellgħa s-sema bir-ruħ u l-ġisem biex issa reġgħet tinsab magħquda ma' Binha Ġesù fis-sema, u fil-ktieb tal-Apokalissi nsibuha deskritta bħala "mara liebsa x-xemx, bil-qamar taħt riġlejha u b'kuruna ta' tnax-il kewkba fuq rasha. Hija kienet fit-tqala..."[33] L-istess Papa jkompli jgħidilna li Marija jixirqilha dan it-titlu għax l-ewwel nett hija Omm Alla, it-tieni għax hi assoċjata mill-qrib mal-ħidma redentiva ta' Ġesù bħala Eva l-Ġdida, imbagħad anke minħabba l-perfezjoni prieminenti tagħha u s-setgħa interċessorja li Alla żejjinha biha. Bir-raġun jgħid San Ġwann Damaxenu li: "Meta saret Omm il-Ħallieq, Marija saret is-Sultana ta' kull maħluq."[34] B'hekk it-titlu tagħha jkompli jikber u jisbiħ u jsir Sultana tas-Sema u l-Art.

It-titlu ta' Reġina, li kif rajna jmur lura ħafna qabel adottah u ddefinietu l-Awtorità tal-Knisja, daħal f'ħafna innijiet u talbiet lil Marija Verġni. It-titlu deher madwar is-sitt seklu u sar u baqa' komuni minn dak iż-żmien 'il quddiem. Innijiet miġjuba mis-sekli ħdax u tlettax jindirizzaw lil Marija hekk: "Sliem għalik Sultana Qaddisa", "Sliem għalik, Reġina tal-Ġenna", u "Reġina tas-Sema". Ir-Rużarju Dumnikan u l-Kuruna Franġiskana flimkien ma' ħafna invokazzjonijiet oħra fil-Litanija tal-Madonna jiċċelebraw dan it-titlu ta' Sultana jew Reġina. Fil-Litanija ta' Loreto, dik li eventwalment saret il-litanija uffiċjali tal-Madonna nsibuha invokata bħala "Sultana tal-Anġli, Sultana tal-Patrijarki, Sultana tal-Profeti, Sultana tal-Appostli, Sultana tal-Martri, Sultana tal-Konfessuri, Sultana tal-Verġni, Sultana tal-Qaddisin kollha, Sultana tal-familji, Sultana mnissla mingħajr l-ewwel tebgħa ta' dnub, Sultana mtellgħa s-Sema, Sultana tar-Rużarju Mqaddes u Sultana tal-Paċi."

L-erba' antifoni antiki tal-Liturġija tas-Sigħat jesprimu dan it-titlu ta' Reġina ukoll: *Salve Regina*, *Ave Regina Caelorum*, *Alma Redemptoris Mater* u *Regina Coeli*. Is-*Salve Regina* titkanta minn Ħadd it-Trinità sa Sibt qabel l-ewwel Ħadd tal-Avvent, iżda popolarment tingħad kull meta jingħad ir-rużarju, proprju fi tmiemu. Jingħad li kien Patri Benedittin, Hermann ta' Reichenau (1013-1054) li kkomponieha oriġinarjament. Hija meqjusa bħala l-eqdem mill-erba' antifoni. L-*Ave Reġina Caelorum* hi antifona oħra li tmur



lura sew fiż-żmien. Tradizzjonalment tingħad jew titkanta wara kull talba fil-Liturġija tas-Sigħat, iżda b'mod partikulari wara l-Kompleta, li hija l-aħħar talba qabel l-irqad. Tingħad mill-festa tal-Kandlora (fit-2 ta' Frar) sal-Erbgħa tal-Ġimgħa l-Kbira. Kienet titkanta wkoll fil-festa tal-Assunta. L-aqwa verżjoni mmużikata hi dik tal-1773 minn Joseph Haydn. Niġu għal *Alma Redemptoris Mater* (Maħbuba Omm is-Salvatur). Din tiġi rreċtata fil-kompleta mill-ewwel Ħadd tal-Avvent sal-Kandlora. Ma tantx sibna tagħrif dwar l-oriġini u l-iżvilupp ta' din it-talba. Fl-aħħar nett ir-*Reġina Coeli* hija innu li jieħu post l-*Angelus* fi żmien l-Għid. L-użu tagħha fit-talb jaf il-bidu tiegħu lill-Franġiskani fl-ewwel nofs tas-seklu tlettax.

Il-festa ta' Marija Reġina ġiet stabbilita minn Papa Piju XII fl-enċiklika li kkwotajna iktar 'il fuq.[35] Kienet tiġi ċċelebrata fl-aħħar tax-xahar iddedikat lill-Madonna, il-31 ta' Mejju. Iżda fl-1969 Papa Pawlu VI mexxa l-festa għat-22 ta' Awwissu biex tiġi wara l-festa tal-Assunta u allura tagħmel iktar sens.

Meta nitkellmu fuq Marija Reġina jew Sultana ma nistgħux ma niftakrux fl-Inkurunazzjoni ta' Kwadri u statwi tagħha matul is-snin. Dan seħħ anke Malta, u fost oħrajn insibu li anke l-kwadru tas-Santwarju Belti tal-Madonna tal-Karmnu huwa inkurunat. Wara devozzjoni li tmur lura mijiet ta' snin lejn dan il-kwadru Mirakoluż, inħasset ix-xewqa li jiġi inkurunat b'mod solenni mill-Vatikan. Din ix-xewqa ġiet maqtugħa nhar il-15 ta' Lulju 1881 permezz ta' Inkurunazzjoni Solenni ta' din ix-Xbieha.

***Stella Maris*, Kewkba tal-Baħar**

Diġà għidna li dan it-titlu li nsibuh rappreżentat fuq skudett ieħor mis-sett li qed insemmu jissemma fl-antifona tal-Madonna tal-Karmnu *Flos Carmeli*. L-oriġini tiegħu jidher li jmur lura għas-seklu Ħamsa u jidher ukoll li użah l-ewwel darba San Ġlormu u bis-saħħa tiegħu malajr infirex u beda jintuża minn ulied Marija kull meta jduru lejha fi żmien ta' inċertezza u tribulazzjoni. L-Enċikopledia Kattolika tfisser kif San Ġlormu fil-fatt kien ittraduċa dan it-titlu mid-dizzjunarju tal-ismijiet proprji, Onomasticon, ta' Ċesarija. Hawnhekk l-isem ta' Marija li kif diġà rajna, bil-Lhudi huwa Mirjam, ifisser qatra mill-baħar. Meta qalbu għal-Latin sar *Stilla Maris* li aktar 'il quddiem żviluppa fi *Stella Maris* bis-saħħa ta' djalett tal-Latin



użat popolarment mill-gabillotti u r-raħħala. Għall-ewwel jidher xi ftit diżappuntant dan l-oriġini ta' isem daqstant importanti. Iżda meta toqgħod taħseb l-etimoloġija tal-isem tgħinna biex nifhmu l-umiltà ta' Alla proprju fil-kobor tiegħu: għalhekk "il-qatra fil-baħar tant kbir u vast issir il-gwida tiegħu; tfajla mhux magħrufa issir Omm Alla permezz tal-fidi u tal-ġenerożità tagħha. Dan it-titlu għalhekk jevoka l-eżaltazzjoni minn Alla tal-virtù tal-umiltà."[36]

Tiskanta x'joħroġ minn sempliċi żball jew modifikazzjoni lingwistika minn "stilla" li tfisser qatra bil-Latin ħarġet il-kelma "stella" li bil-Latin tfisser kewkba u forsi l-popolin iktar assoċja malajr din l-immaġini ma' Marija milli l-ewwel waħda. Tant li nfirxet mal-artijiet kollha u maż-żminijiet kollha. Irridu nifhmu li fil-passat, forsi aktar mil-lum, l-istilel kienu xi ħaġa ferm importanti għall-baħħara, u ħafna drabi kienu l-kawża tas-salvazzjoni tagħhom mit-telfien f'xi oċean kbir immens. Permezz tal-istilel kienu jsibu triqthom lura jew ta' lanqas lejn xi port kenni. L-istess tagħmel Marija għalina, bħala stilla tal-baħar, hija tidderiġina lejn is-sigurtà, lejn is-salvazzjoni, lejn il-ħajja vera.[37]

Paschasius Radbertus[38] kiteb dwar Marija, Kewkba tal-Baħar fis-seklu disgħa, u rrefera għaliha bħala gwida li wieħed għandu jimxi fuqha biex jasal għand Kristu għax mingħajrha "il-ġifen tagħna jegħreq fil-mewġ imqalleb ta' tempesta fil-baħar". Kien fi żmien li sar popolari l-innu *Ave Maris Stella*. Fis-seklu tnax San Bernard ta' Clairvaux kiteb hekk: "Jekk jaħkmuna l-irjieħ tat-tentazzjoni; jekk nitkaxkru fuq il-blat tat-tribulazzjoni, inħarsu lejn il-kewkba, sejħu lil Marija; jekk inkunu mgħollija fuq il-mewġ tal-kburija tagħna, tal-għira tagħna, tar-rivalitajiet tagħna, nħarsu mill-ġdid lejn din il-kewkba, u nsejħu lil Marija. U jekk ir-rabja, ir-regħba u l-ġibda tal-ġisem jassaltaw il-ġifen dgħajjef ta' ruħna, nħarsu lejn il-kewkba u nsejħu lil Marija."

L-idea ta' Marija bħala kewkba tal-baħar niżlet tajjeb mal-poplu devot u din id-devozzjoni nfirxet sew u sabet l-għeruq l-aktar fil-villaġġi u l-ibliet li jinsabu qrib il-baħar. Kienu bosta l-knejjes, l-iskejjel u l-kulleġġi li ġew ddedikati għal *Maria Stella Maris*. F'Malta għandna parroċċa f'Tas-Sliema ddedikata għaliha. Kif indikajna iktar 'il fuq, ir-rabta mal-festa tal-Madonna tal-Karmnu tinsab fl-antifona li titkanta b'tant ħerqa fi żmien il-festa, speċjalment fit-translazzjoni tar-relikwa u mad-dħul tal-vara lura fil-knisja wara l-purċissjoni. Kien San Xmun Stock li fisser l-imħabba kbira li kellu għall-Madonna fl-antifona *Flos Carmeli* li qed nitkellmu dwarha:

Fjur tal-Karmelu,
Dielja bil-Frott Mogħnija;
Dija tas-Sema,
Xebba li Waħdanija,
B'ġieħ t'Omm tiftaħar.

Omm l-Aktar Ħelwa,
Li Ġmielek qatt ma ttabba',
Lill-Karmelitani
Ħniena uri u Mħabba,
Kewkba tal-Baħar.

**Kewkba ta' Filgħodu**

Skudett ieħor miżmum bi grazzja minn wieħed mill-anġli ta' Darmanin li qed nitkellmu dwarhom hawnhekk iġib fuqu immaġini ta' stilla bid-dija li probabbilment hija riferenza għall-kewkba



ta' filgħodu. Bla dubju m'hemmx titlu fil-litanija tal-Madonna li jiddeskriviha aħjar minn dak li jsejħilha "Kewkba ta' Filgħodu". Diġà semmejna r-rabta ta' Marija mal-immaġini tal-kewkba, u ftit aktar 'il fuq tkellimna proprju fuq l-immaġini tagħha bħala "Kewkba tal-Baħar", li hi fil-fatt fost l-aktar immaġini popolari ta' Marija. Jekk noqogħdu nirriflettu ftit insibu li Marija kellha ħafna x'taqsam mal-kwiekeb. Nistgħu nibdew bil-kewkba ta' Betlehem, dik li dawlet l-għar fqajjar fejn Marija tat lid-dinja lil Ġesù, l-Iben t'Alla magħmul bniedem. Kienet din l-istilla tar-rivelazzjoni lill-popli, għax permezz tagħha ġew il-Maġi mill-ibgħad postijiet tad-dinja, biex Alla jurina li Ġesù ma twelidx biss għal-Lhud (rappreżentati mir-rgħajja) iżda wkoll għall-ġnus kollha. Ftit forsi jafu r-rakkont dwar dawn l-istess Maġi li fi triqthom lejn Betlem tilfu għal xi mumenti id-dehra ta' dil-kewkba u reġgħu sabuha tirrifletti fl-ilma tal-"Bir ta' Marija".[39]

Il-Knisja tinterpreta l-vers 10 f'kapitlu 6 tal-Għanja tal-Għanjiet bħala wieħed li jiddeskrivi lil Marija: "Min hija dik li tielgħa bħaż-żerniq, sabiħa donnha l-qamar, tiddi bħax-xemx ...?" Qabel titla' x-xemx iż-żerniq huwa kkaratterizzat bid-dehra tal-kewkba ta' filgħodu. Hekk ukoll qabel ġie Kristu fid-dinja li huwa x-"Xemx tal-Ġustizzja" dehret il-kewkba ta' filgħodu li hi Marija. Santa Brigida ssejħilha "il-kewkba li tippreċedi x-xemx, il-kewkba li tiġi qabel ix-xemx."[40]

Nisimgħu x'qal il-kbir qaddis Franġiskan, Sant'Antnin ta' Padova f'waħda mill-prietki tiegħu dwar in-Nativitá ta' Marija:[41] *Il-Kewkba ta' filgħodu hija dik li ġġib id-dawl, għaliex fost il-kwiekeb kollha hija l-aktar li tiddi, u għaldaqstant jiddeskrivuha bħala kewkba splendenti. Din il-kewkba tippreċedi x-xemx u tħabbar sbiħ il-jum, filwaqt li tkeċċi d-dlam tal-lejl bid-dawl fiddien tagħha. Il-kewkba ta' filgħodu hi l-Imqaddsa Marija, li, imwielda qalb is-sħab, tħabbar l-għodwa ta' grazzja, ix-Xemx tal-ġustizzja, lil dawk kollha li qegħdin fid-dlam. Għaldaqstant, dwar il-Mulej jgħid lil Ġob,[42] 'Toħroġ inti f'waqtha l-kewkba Mazarot[43], jew tmexxi l-Orsa biż-żgħar tagħha?'" Meta żmien il-ħniena wasal u wasal ukoll il-jum tas-salvazzjoni, il-Mulej għamel lil din il-kewkba ta' filgħodu li hi Marija, bħala dawl għall-ġnus. Dwarha dawn jistqarru bħalma ntqal fuq Ġuditta: "Il-Mulej bierkek bis-setgħa tiegħu, għax bis-saħħa tiegħek Alla l-Aktar Għoli ġab fix-xejn l-għedewwa tiegħu. Imbierka int, Bint, mill-Mulej Alla l-Aktar Għoli, fuq kull mara fuq din l-art. Imbierek ikun il-Mulej li ħalaq is-sema u l-art, u li ggwidak biex taqta' ras il-prinċep tal-għedewwa tagħna; għaliex hut ant kabbar ismek illum, li t-tifħir mhu se jehda qatt minn fomm il-bnedmin."[44] Il-Madonna kienet għalina bħal kewkba ta' filgħodu sa mit-twelid tagħha. Dwar dan il-Profeta Isaija jgħidilna: "Għad toħroġ fergħa miz-zokk ta' Ġesse, għad tinbet rimja minn għeruqu."[45]*

Sant'Antnin jissokta bil-priedka tiegħu u jgħid: *U bħal qamar kwinta tiddi Marija. Hija jingħad li hi l-qamar kwinta għax hi perfetta f'kull sens. Il-qamar u imperfett meta ma jkunx sħiħ, għax ikun imtebba' jew imqarren. Iżda l-Verġni Glorjuża ma kellha l-ebda tebgħa l-anqas fi twelidha għax kienet diġà mqaddsa f'ġuf ommha[46], mħarsa mill-anġli, u l-anqas f'ħajjitha ma ttebgħet bil-kburija. Għalhekk, hija ddiet bis-sħiħ u b'mod perfett. Hija tissejjaħ dawl għax ixxejjen id-dlam.* Imbagħad idur lejha dan il-qaddis u jistqarr: *Aħna nitolbuk bil-ħrara, Sinjura Tagħna, Inti li int il-kewkba ta' filgħodu...*

Mela jekk fuq naħa ngħidu li s-simbolu jew l-immaġini tal-"kewkba tal-baħar" żviluppa fil-kult Marjan wara żball tat-traduzzjoni fejn 'stilla' (qatra) inbidlet fi 'stella' (kewkba), fuq in-naħa l-oħra l-immaġini tal-'Kewkba ta' Filgħodu' hija waħda speċifika u intenzjonata u tiddeskrivi eżattament ir-rwol ta' Marija fil-Pjan t'Alla għas-Salvazzjoni tal-Bniedem.

### Il-Qalb bla Tebgħa ta' Marija

L-aħħar anġlu li se nitkellmu fuqu huwa dak li qed iżomm l-iskudett li juri l-Qalb bla tebgħa ta' Marija. L-artist fil-fatt jagħtina mhux biss il-qalb li hija ċentrali fil-pittura tiegħu, iżda jdawwar magħha l-labtu tal-Karmnu u jqiegħed taħtha żewġ ġilji bojod. Dwar is-simbolu tal-ġilju diġà tkellimna aktar 'il fuq. Dwar il-labtu tkellimna f'artikli oħra fil-passat. Niġu mela għall-qalb. Il-qalb hawnhekk tidher qed tħeġġeġ bin-nar ħiereġ min-naħa ta' fuq tagħha. Tidher ukoll tiddi, għax hi mdawra b'awra u b'raġġi ħerġin

minnha. Ninnutaw ukoll Katina ta' ward li qed iddawwar l-istess qalb. Dan il-lingwaġġ artistiku nifhmu aħna u niddiskutu d-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Marija fil-paragrafi li ġejjin.



Irridu nifhmu l-ewwel nett li d-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Marija għandha x'taqsam ħafna u hi marbuta ma' dik lejn il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù u anke lejn dik lejn il-Qalb Safja ta' San Ġużepp. Għaliex Ġesù, Marija u Ġużeppi kienu jiffurmaw mudell tat-Trinità Mqaddsa fuq din l-art, bil-ħajja eżemplari, pija u sagra li għexu fl-għar ta' Betlem, fl-eżilju ġewwa l-Eġittu u mbagħad, għal ħafna snin, fid-dar ta' Nażaret. Mhux biss kienu, iżda għadhom jiffurmaw din l-għaqda trinitarja fis-smewwiet fejn l-unjoni tagħhom mhux talli ma spiċċatx, talli ssaħħet u sseddqet. Is-simbolu tal-qalb huwa sinonimu mal-imħabba. Il-qalb ta' Marija kienet mimlija bl-imħabba kif kienet dik ta' Ġużeppi. Il-qlub tagħhom ingħaqdu ħaġa waħda permezz taż-żwieġ tagħhom, li tajjeb li nfakkru, mingħajr ma nidħlu f'ħafna dettall, li dan iż-żwieġ kien wieħed reali u veru f'kull sens, anke jekk qatt ma kien hemm għarfien karnali bejn it-tnejn.[47] Santu Wistin jfissrilna dan teoloġikament ukoll.[48] Għalkemm Ġesù ma kienx il-frott tal-imħabba ta' Ġużeppi u Marija, billi Marija ħarġet tqila divinament permezz tal-Ispirtu s-Santu, l-istess Ġesù gawda mill-imħabba tal-omm u tal-missier daqslikieku kien frott taż-żwieġ tagħhom. Il-Qalb Imqaddsa Tiegħu, għaldaqstant saret ukoll ħaġa waħda ma' qlub dawn iż-żewġ ġenituri qaddisin.

Iżda hawnhekk irridu niffukaw fuq id-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Marija, imfissra simbolikament f'dan l-iskudett. L-ewwel ma nisimgħu bil-Qalb ta' Marija hu fl-episodju tal-preżentazzjoni ta' Ġesù fit-tempju, meta x-xwejjaħ Xmuni jdur lejn Marija stess u jgħidilha "u int ukoll sejf jinfidlek qalbek."[49] L-immaġini tas-sejf jinfed qalb Marija fl-istatwi u l-pitturi tad-Duluri huma popolari ferm, u dawn eventwalment żviluppaw f'sebat isjuf jinfdu l-istess qalb biex ifissru s-seba' duluri tagħha. Il-Qalb ta' Marija terġa' tissemma' fil-Vanġelu ta' San Luqa meta fi tmiem l-episodju tat-telfien ta' Ġesù tfajjel u s-sejbien tiegħu fit-tempju, l-evanġelista jgħidilna li Ġesù niżel magħhom fid-dar ta' Nazzaret u kien jobdihom f'kollox, "U ommu kienet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha."[50] Kulma kien jiġri fil-konfront ta' Ġesù, Marija u Ġużeppi, l-ewwel kienu jarawh fil-kuntest ta' tifel normali iżda mbagħad kienu jimmeditaw iktar fil-fond u jifhmu kulma ġara fil-kuntest tat-tħabbira tal-anġlu lil waħda u l-ħolma tal-anġlu lill-ieħor. Marija kkonċepiet lil Ġesù fil-ġuf tagħha tabilħaqq, iżda mal-mogħdija tas-snin hekk kif Ġesù beda jikber fil-għerf, fil-grazzja u fiż-żmien hija kkonċepietu wkoll f'qalbha. Kif jgħidilna Santu Wistin, hija kienet aktar imbierka għax ikkonċepiet lil Ġesù f'qalbha milli għax għamlet dan f'ġufha. U żewġha Ġużeppi, li ma kellux x'jaqsam fil-konċepiment naturali ta' Ġesù, ikkonċepieh f'qalbu b'mod sħiħ u komplut, u kien għalih missier f'kollox għalkemm mhux bijoloġikament. Mill-ġdid nerġgħu naraw l-għaqda tat-tlett iqlub qaddisa.

Jekk induru lejn l-istorja ta' din id-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Marija nsibu li mhux qabel tmiem is-seklu Ħdax u l-bidu tas-seklu Tnax li nibdew naraw traċċi tagħha, bħal per eżempju fil-prietki ta' San Bernard.[51] Evidenza iktar ċara nsibuha fil-meditazzjonijiet dwar l-*Ave Maria* u s-*Salve Regina* li huma attribwiti lil San Anselmu ta' Lucca. Richard de Saint-Laurent jitkellem

dwarha fil-ktieb kbir De Laudibus B. Mariae Virginis.[52] Iżda kien San Bernardin ta' Siena li kkontemplament profondament din it-tema tal-qalb verġinali ta' Marija, fil-fatt il-Knisja sselfet kliemu għal-lezzjonijiet tat-talb liturġiku tal-festa tal-Qalb ta' Marija. San Franġisk ta' Sales imbagħad tkellem dwar il-perfezzjoni ta' din il-qalb, li huwa ddeskriva bħala mudell ta' mħabba lejn Alla.[53] S'issa tkellimna dwar min ħaseb, immedita, kiteb jew ippriedka dwar il-Qalb ta' Marija (u ma semmejniex lil kulħadd) iżda kien San Ġwann Eudes li qabbad in-nar tad-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Marija.

Kien hu li għamilha pubblika u ppropagaha. Kien hu li ħadem biex tibda tiġi ċċelebrata l-festa ad unur din il-qalb immakulata, l-ewwel f'Autun fis-sena 1648 imbagħad f'bosta djoċesijiet Franċiżi. Fl-1681 ippubblika l-ktieb Coeur Admirabile (il-Qalb Ammirabbli). Anke jekk ma rċevietx il-barka ta' Ruma mill-ewwel, id-devozzjoni kompliet tikber u tinfirex. Fl-1725 Père de Gallifet għaqqad il-kawża tad-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Marija ma' dik tal-Qalb ta' Ġesù biex jipprova jikseb l-approvazzjoni meħtieġa minn Ruma. Iżda l-waqt mistenni kien għadu ma wasalx.

Fl-1799 meta Papa Piju VI kien priġunier f'Firenze, huwa aċċetta t-talba tal-Isqof ta' Palermo biex tibda ssir il-festa tal-Qalb mill-Aktar Pura ta' Marija.[54] Fl-1805 Papa Piju VII ta konċessjoni oħra biex il-festa kienet rikonoxxuta 'l barra minn din id-djoċesi Palermitana.

Kien fil-21 ta' Lulju 1855 li l-Kongregazzjoni tar-Riti approvat finalment l-uffiċċju u l-quddiesa tal-Qalb Bla Tebgħa ta' Marija, madanakollu din il-festa ma ġietx mposta fuq il-Knisja Universali. Illum il-ġurnata nsibu li l-festa tal-Qalb ta' Marija tiġi ċċelebrata f'Ruma u f'postijiet oħra fil-Ħadd fuq l-Ottava tal-Assunta, f'oħrajn imbagħad issir it-Tielet Ħadd wara Pentecoste, jew saħansitra fil-bidu ta' Lulju. Dawk li baqgħu jsegwu t-tradizzjoni ta' San Ġwann Eudes jiċċelebrawha fit-8 ta' Frar filwaqt li f'Notre-Dame-des-Victoires is-solennità taħbat dejjem ftit qabel ir-Randan.[55] F'Malta din il-festa ssir esternament ukoll fil-parroċċa ta' Burmarrad.

**Marija, Sultana tal-Anġli**

Tajna titwila lejn l-ewwel sitt anġli minn sett ta' tnax li ħallielna b'wirt Karlu Darmanin u ttrattajna b'mod partikulari t-temi li żviluppa artistikament fuq l-iskudetti li hemm f'idejn kull wieħed minn dawn l-anġli. Wieħed iżda ma jistax jagħlaq artiklu bħal dan mingħajr ma jirreferi għat-titlu Marjan ta' Sultana tal-Anġli li nsibu wkoll fil-Litanija. Tabilħaqq fil-ħajja tagħha Hija kellha inkontru ma' anġlu wieħed, anzi biex inkunu eżatti mal-arkanġlu Gabriel. Iżda ħafna kienu l-istudjużi tal-Knisja li tkellmu dwar il-protezzjoni anġelika li kellha Marija tul il-ħajja tagħha fuq din l-art.

Kif seta' ma kienx dan meta hija kienet mimlija bil-grazzja, meta hija kienet bla mittiefsa, pura, safja, immakulata. L-anġli tal-Mulej ma telquha l-anqas għal waqt wieħed biss. Xi wħud minn dawn l-istess anġli mbagħad kienu inkarigati li jtellgħu l-ġisem rieqed tagħha fis-Saltna Eterna, filwaqt li l-anġli l-oħrajn kollha kantaw glorja waqt dan il-mument uniku fl-istorja tal-umanità. Marija sabet postha mgħollija fuq il-kori kollha tal-anġli kif intennu kull darba li ngħidu t-talba tar-rużarju u nikkontemplaw il-misteri tal-glorja.

Għalhekk meta għal darb'oħra din is-sena nerġgħu naraw il-vara artistika tal-Madonna tal-Karmnu għaddej fit-triq ewlenija tal-Bażilka u Santwarju tagħha qalb l-istatwi sbieħ tal-anġli li dwarhom tkellimna hawnhekk, ħsibijietna għandhom jitilgħu 'l fuq lejn is-Saltna Eterna, filwaqt li niftakru li hemmhekk mhux statwa sabiħa hemm iżda s-Sbuħija nnifisha li hi Marija, mdawra bl-anġli kollha tal-Mulej, ikantawlha innijiet ta' tifħir u glorja, proprju kif nagħmlu aħna b'tant ħeġġa meta narawha għaddejja minn quddiemna fil-jum tal-festa tagħha taħt it-titlu tal-Karmelu nhar is-16 ta' Lulju.

**Referenzi**


1 MANGION, Stanley u MAGRO, Christopher (2010) Karlu Darmanin, Il-Prinċep tal-Istatwarji, Ħajtu u Ġidmietu, Qormi Malta.

2 Ibid.

3 Ibid.

4 CARUANA, Victor "L-Istorja tal-Vari fil-Festi Maltin – It-Tieni Parti" fi: BORG, Andrew U MICALLEF, Mark (2014) Ilwien il-Festi Maltin, Vol. 3, p. 19

5 MANGION, S. u MAGRO, Ch. (2010) op. cit.

[6] Ibid.
[7] Ibid.
[8] Ibid.
[9] Ibid.
[10] Tagħrif miġjub mis-sit http://en.wikipedia.org/wiki/Our_Lady_of_Mount_Carmel (10.02.12)
[11] I SLATEN, Kap 18
[12] Ibid.
[13] Tagħrif miġjub mis-sit http://ocarm.org/en/content/ocarm/origin (10.02.12)
[14] Ibid.
[15] Aqra "The Virgin Mary: the star of the sea" fuq s-sit www.thestillman.com/stillmanfiles/2013/04/the-virgin-mary-the-star-of-the-sea/
[16] Ibid.
[17] http://catholicmom.com/2014/05/12/why-do-we-call-mary-flower-of-carmel/
[18] Aqra fi "Catholic Encyclopedia", fit-taqsima ddedikata lil "St. Simon Stock"
[19] http://symboldictionary.net/?p=2255
[20] http://www.houseofdubhros.com/library/symbols/symbol.php?id=2
[21] ST JOHN EUDES, The Wondrous Childhood of the Most Holy Mother of God,
[22] CAROL, Juniper OFM, Mariology.
[23] Dawn il-kwotazzjonijiet huma miġjuba mit-tieni parti tal-artiklu "The Most Holy Name of Mary" li wieħed jista' jaqrah fis-sit: www.catholictradition.org/Mary/marys-name2.htm
[24] Hekk stqarr l-anġlu Gabriel meta mar iżurha fl-annunzjazzjoni.
[25] Hekk sejħitilha Eliżabetta meta Marija marret iżżurha.
[26] Skont id-domma tal-Immakulata Kunċiżżjoni definita fil-Kostituzzjoni Appostolika Munificentissimus Deus maħruġa mill-Papa Piju XII nhar l-1 ta' Novembru 1950. It-test bl-Ingliż jinsab fuq is-sit: http://w2.vatican.va/content/pius-xii/en/apost_constitutions/documents/hf_p-xii_apc_19501101_munificentissimus-deus.html
[27] L-GĦANJA TAL-GĦANJIET: 4, 7 (Il-verżjoni bil-Malti hi meħuda mill-Bibbja maħruġa mill-Għaqda Bibblika Maltija fl-1996).
[28] Ibid., 4, 12
[29] Ibid., 7, 5: "Dak għonqok qisu torri tal-avorju..."
[30] Ibid., 4,4: "Għonqok, torri ta' David, li nbena ħalli fih jintrefgħu l-armi. Elf tarka hemm fih imdendla, tarkiet tal-qalbenin, lkoll kemm huma."
[31] Ibid., 2,2.
[32] L-Enċiklika tal-Papa Piju XII Ad Caeli Reginam maħruġa fil-11 ta' Ottubru 1954 tistgħu ssibuha bl-Ingliż fuq is-sit: http://w2.vatican.va/content/pius-xii/en/encyclicals/documents/hf_p-xii_enc_11101954_ad-caeli-reginam.html
[33] APOKALISSI 12, 1
[34] SAN ĠWANN DAMAXXENU huwa kkwotat mill-Enċiklika Ad Caeli Reginam, op.cit.
[35] Ad Caeli Reginam, op.cit.
[36] MATNAER, Meg, "Why do we call Mary 'Star of the Sea'?" miktub fil-5 ta' mejju 2014 u mxandar fuq is-sit: http://catholicmom.com/2014/05/05/why-do-we-call-mary-star-of-the-sea/
[37] REINHARD, Sarah "The Promise of Mary, Star of the Sea" imxandar fil-21 ta' Marzu 2014 fuq is-sit: http://catholicexchange.com/promise-mary-star-sea
[38] Qaddis Frank li għex bejn 785 u 865 wK, teologu.
[39] Aqra "Titles of Our Lady from the Litany of Loreto" imxandra fis-sit: http://www.salvemariaregina.info/SalveMariaRegina/SMR-169/Star.htm There is a lovely legend about an old well in the Holy Land, called "Mary's well." The story is that once when the Holy Family was going from Bethlehem to Jerusalem they rested by that well and drank of its waters. When the Wise Men were on their way to Bethlehem, they lost the star for a while, but they found it again shining in the waters of Mary's well.
[40] Ibid.
[41] Test bl-Ingliż ta' din is-silta jinsab fuq is-sit: https://www.ewtn.com/library/MARY/IC-PADUA.HTM
[42] ĠOB: 38, 32
[43] Fil-fatt astronomikament il-Kewkba ta' filgħodu hija l-pjaneta Venere meta din tidher fil-lvant qabel tlugħ ix-xemx; jew il-pjaneta Sirius meta din tidher fis-sema fl-aqwa tas-sajf qabel tlugħ ix-xemx; u l-pjaneta Merkurju meta din tidher fil-lvant qabel tlugħ ix-xemx.
[44] ĠUDITTA: 13, 22. 23-25
[45] ISAIJA: 11, 1
[46] Irridu niftakru li fi żmien Sant'Antnin kienet għadha ma ġietx iddikjarata d-domma tal-Immakulata Kunċizzjoni.
[47] Santu Wistin, L-Istqarrijiet.
[48] Ibid.
[49] LUQA: 2, 35
[50] LUQA 2, 51
[51] SAN BERNARD, De Duodecim Stellis, ara: http://www.newadvent.org/cathen/07168a.htm
[52] DE SAINT-LAURENT, Richard, 1625, De Laudibus B. Mariae Virginis, Douai.
[53] SAN FRANĠISK TA' SALES, Theotimus. Ara: http://www.newadvent.org/cathen/07168a.htm
[54] Ara s-sit: http://www.newadvent.org/cathen/07168a.htm
[55] Ibid.



Madonna tal-Karmnu,
Kun int l-hena tagħna.
Fid-dar ta' kull Malti
Kun l-Omm u s-Sultana.